SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

9 ta' Ġunju 2021 *

"Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Iran bil-għan li tiġi evitata l-proliferazzjoni nukleari – Iffriżar ta' fondi – Lista tal-persuni, entitajiet u organi li għalihom japplika l-iffriżar ta' fondi u tar-riżorsi ekonomiċi – Żamma ta' isem ir-rikorrent fil-lista – Żball ta' evalwazzjoni – Artikolu 266 TFUE"

Fil-Kawża T-580/19,

Sayed Shamsuddin Borborudi, residenti f'Teheran (l-Iran), irrappreżentat minn L. Vidal, avukat,

rikorrent

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn V. Piessevaux u D. Mykolaitis, bħala aġenti,

konvenut,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/855 tas-27 ta' Mejju 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2019, L 140, p. 1), sa fejn iżomm isem ir-rikorrent fil-lista li tinsab fl-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 tat-23 ta' Marzu 2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU 2012, L 88, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2012, L 332, p. 31, fil-ĠU 2014, L 93, p. 85, u fil-ĠU 2019, L 297, p. 8),

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla),

komposta minn S. Gervasoni, President, L. Madise u J. Martín y Pérez de Nanclares (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: E. Artemiou, Amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tat-3 ta' Diċembru 2020,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Sentenza [1]

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

[*omissis*]

B. Dwar l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni

5 Permezz tad-Deċiżjoni 2011/783/PESK tal-1 ta' Diċembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU 2011, L 319, p. 71), il-Kunsill emenda din l-aħħar deċiżjoni sabiex japplika dawn il-miżuri restrittivi għal persuni u entitajiet oħra li isimhom żdied fil-lista li tinsab fl-Anness II ta' din l-aħħar deċiżjoni. Isem ir-rikorrent, Sayed Shamsuddin Borborudi, kif ukoll id-data tal-inklużjoni ta' ismu f'din il-lista, f'dan il-każ l-1 ta' Diċembru 2011, ġew miżjuda fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, billi ssemmew ir-raġunijiet li ġejjin:

"Viċi Kap […] tal-Organizzazzjoni Iranjana tal-Enerġija Atomika, indikata [min-Nazzjonijiet Uniti], fejn huwa subordinat ta' Feridun Abbasi Davani, indikata min-[min-Nazzjonijiet Uniti]. Huwa kien involut fil-programm nukleari Iranjan mill-inqas mill-2002, inkluż bħala l-ex Kap tal-Akkwist u l-Loġistika [tal-proġett] AMAD, fejn huwa kien responsabbli għall-użu ta' kumpanniji li jservu ta' paraventu bħal Kimia Madan biex jinkiseb tagħmir u materjal għall-programm ta' armi nukleari tal-Iran."

[*omissis*]

C. Dwar iż-żamma ta' isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni

[*omissis*]

11 Permezz ta' ittra tal-15 ta' April 2014, ir-rikorrent ressaq quddiem il-Kunsill talba ġdida għall-irtirar mil-listi inkwistjoni (iktar 'il quddiem l-"ittra tal-15 ta' April 2014"). Il-kontenut ta' din it-talba l-ġdida kien, essenzjalment, l-istess bħal dak tal-ittra tal-31 ta' Jannar 2013 imsemmija fil-punt 9 iktar 'il fuq. F'dan ir-rigward, minbarra l-kontenut li jinsab f'din tal-aħħar, l-ittra tal-15 ta' April 2014 kienet tinkludi riferiment għall-Pjan ta' Azzjoni Konġunt konkluż f'Genève (l-Isvizzera) fl-24 ta' Novembru 2013. Ir-rikorrent sostna li, fid-dawl ta' dan il-pjan, l-OIEA kienet qiegħda tistenna li l-Kunsill jikkunsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tiegħu li jistabbilixxi miżuri restrittivi fir-rigward tal-persuni u tal-entitajiet li jipparteċipaw fil-programm nukleari Iranjan. Ir-rikorrent sostna wkoll li huwa bl-ebda mod ma kien jikkoopera, kemm jekk bħala konsulent jew bħala amministratur, mal-kumpanniji jew mal-organizzazzjonijiet suġġetti għal sanzjonijiet jew mal-entitajiet marbuta mal-industrija nukleari Iranjana.

12 Ma seħħ ebda skambju bejn il-Kunsill u r-rikorrent wara li ntbagħtet l-ittra tal-15 ta' April 2014 u sas-27 ta' Mejju 2019, data li fiha l-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/870, li temenda d-Deċiżjoni 2010/413 (ĠU 2019, L 140, p. 90), wara r-rieżami annwali tal-lista ta' persuni u entitajiet li tinsab fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413, kif previst fl-Artikolu 26(3) ta' din l-aħħar deċiżjoni. Permezz tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2019/870, l-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 ġie

[1] Qegħdin jiġu riprodotti biss il-punti ta' din is-sentenza li l-Qorti Ġenerali tqis li l-pubblikazzjoni tagħhom hija utli.

emendat skont l-Anness tad-Deċiżjoni 2019/870. L-indikazzjoni li tikkonċerna lir-rikorrent, li tinsab f'dan l-anness, ġiet emendata sabiex, fil-kolonna relatata mal-informazzjoni ta' identifikazzjoni, tiżdied id-data tat-twelid tar-rikorrent, jiġifieri l-21 ta' Settembru 1969.

13 Fis-27 ta' Mejju 2019, il-Kunsill adotta wkoll ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/855 li jemenda r-Regolament Nru 267/2012 (ĠU 2019, L 140, p. 1, iktar 'il quddiem l-"att ikkontestat"). Permezz tal-Artikolu 1 tal-att ikkontestat, l-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012 ġie emendat sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-emendi magħmula fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413 permezz tad-Deċiżjoni 2019/870. B'mod partikolari, isem ir-rikorrent jidher fil-linja 25 tat-Tabella A tal-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012 tal-persuni u l-entitajiet involuti fil-programm nukleari jew ta' missili ballistiċi u persuni u entitajiet li jsostnu lill-Gvern Iranjan.

II. Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

14 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Awwissu 2019, ir-rikorrent ippreżenta din l-azzjoni.

15 Permezz ta' deċiżjoni adottata fis-17 ta' Ottubru 2019, b'applikazzjoni tal-Artikolu 27(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, il-President tal-Qorti Ġenerali attribwixxa l-kawża lil Imħallef Relatur ġdid, li jifforma parti mir-Raba' Awla.

16 Fit-22 ta' Novembru 2019, il-Kunsill iddepożita risposta fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali.

17 Ir-replika u l-kontroreplika ġew iddepożitati mir-rikorrent fl-14 ta' Frar 2020 u mill-Kunsill fit-23 ta' April 2020 rispettivament.

18 Il-fażi bil-miktub tal-proċedura ngħalqet fit-23 ta' April 2020.

19 Skont il-miżuri ta' organizzazzjoni ta' proċedura previsti fl-Artikolu 89(3)(a) tar-Regoli tal-Proċedura, fis-6 ta' Ottubru 2020 il-Qorti Ġenerali talbet lill-partijiet sabiex iwieġbu għal sensiela ta' mistoqsijiet li għalihom huma wieġbu fit-terminu stabbilit.

20 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali nstemgħu matul is-seduta li nżammet fit-3 ta' Diċembru 2020.

21 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla l-att ikkontestat sa fejn dan jikkonċernah;

– tordna lill-Kunsill ineħħi ismu mill-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012;

– tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

22 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

III. Id-dritt

A. Dwar l-ewwel kap tat-talbiet

23 Għandu jiġi osservat li r-rikorrent ma talabx l-annullament tad-Deċiżjoni 2019/870, adottata fl-istess ħin mar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/855.

24 Skont l-Artikolu 29 TUE, li abbażi tiegħu ttieħdet id-Deċiżjoni 2010/413, "[i]l-Kunsill għandu jadotta deċiżjonijiet li jiddefinixxu l-atteġġament ta' l-Unjoni lejn materja partikolari ta' natura ġeografika jew tematika. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-linji tal-politika nazzjonali tagħhom ikunu konformi mal-pożizzjonijiet ta' l-Unjoni".

25 L-Artikolu 215(1) TFUE jipprovdi li "[m]eta deċiżjoni, li tiġi adottata skond il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea [kapitolu li fih jinsab l-Artikolu 29 TUE], tipprevedi l-interruzzjoni jew it-tnaqqis, parzjali jew sħiħ, tar-relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, ma' pajjiż terz wieħed jew aktar, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta konġunta tar-rappreżentant għoli ta' l-Unjoni għall-affarijiet barranin u l-politika ta' sigurtà u tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri meħtieġa. Għandu jinforma b'dan lill-Parlament Ewropew". Il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu jipprevedi li "[m]eta deċiżjoni li tkun adottata skond il-Kapitolu 2 tat-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea tipprevedi hekk, il-Kunsill jista' jadotta miżuri restrittivi taħt il-proċedura prevista fil-paragrafu 1 kontra persuni fiżiċi jew ġuridiċi, gruppi jew entitajiet mhux Statali".

26 Mill-ġurisprudenza jirriżulta li d-deċiżjonijiet adottati abbażi tal-Artikolu 29 TUE u r-regolamenti adottati abbażi tal-Artikolu 215 TFUE huma żewġ tipi ta' atti, fejn l-ewwel wieħed jistabbilixxi l-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-miżuri restrittivi li għandhom jiġu adottati u t-tieni wieħed jikkostitwixxi l-istrument sabiex jingħata effett lill-imsemmija miżuri fil-livell tal-Unjoni (sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 90).

27 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-validità ta' regolament adottat abbażi tal-Artikolu 215 TFUE teħtieġ l-adozzjoni minn qabel ta' deċiżjoni valida konformement mad-dispożizzjonijiet dwar il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Marzu 2017, Rosneft, C-72/15, EU:C:2017:236, punt 55). Fi kliem ieħor, l-adozzjoni ta' regolament abbażi tal-Artikolu 215 TFUE hija suġġetta għall-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 29 TUE.

28 Minkejja r-rabta mill-qrib bejn dawn iż-żewġ tipi ta' atti, xorta jibqa' l-fatt li dawn huma żewġ atti distinti u indipendenti, b'tali mod li xejn ma jipprekludi lil rikorrent milli jikkontesta biss regolament ta' implimentazzjoni.

29 Għalhekk, f'dan il-każ, il-fatt li s-suġġett tar-rikors huwa limitat għal talba għall-annullament tal-att ikkontestat sa fejn dan jikkonċerna lir-rikorrent u ma jirrigwardax ukoll id-Deċiżjoni 2019/870 ma jipprekludix l-eżami tagħha, bla ħsara għall-konsegwenzi li eventwali annullament tal-att ikkontestat jista' jkollu fuq din id-deċiżjoni (ara l-punti 91 *et seq.* iktar 'il quddiem).

[*omissis*]

C. Fuq il-mertu

[*omissis*]

3. Dwar il-kwalità tar-rikorrent bħala Viċi Kap tal-OIEA

52 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li r-rikorrent jafferma li huwa waqaf jaħdem għall-OIEA fix-xahar ta' Awwissu 2013 u li ma għad għandu l-ebda relazzjoni ma' din l-organizzazzjoni. Sabiex isostni din l-affermazzjoni, ir-rikorrent jipproduċi, l-ewwel nett, dikjarazzjoni ffirmata mid-Direttur Ġenerali tal-OIEA, tal-5 ta' Mejju 2019, li r-rikorrent ħadem bħala "Viċi President tal-[OIEA] għall-affarijiet eżekuttivi u assistent amministrattiv u finanzjarju ta' din l-organizzazzjoni" mit-23 ta' April 2011 sal-31 ta' Awwissu 2013. Bi tweġiba għall-kritika tal-Kunsill espressa fir-risposta, dwar il-fatt li d-dikjarazzjoni msemmija iktar 'il fuq għandha kwalità teknika dgħajfa u li ma hijiex iċċertifikata, ir-rikorrent ipprovda, fil-preżentata tar-replika, dikjarazzjoni ġdida li toriġina mid-Direttorat Ġenerali għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani u għall-Allowances tal-OIEA, tat-22 ta' Jannar 2020. F'din tal-aħħar, li l-kontenut tagħha huwa l-istess bħal dak tad-dikjarazzjoni tal-5 ta' Mejju 2019, huwa indikat li, wara l-31 ta' Awwissu 2013, ir-rikorrent ma okkupax pożizzjoni jew impjieg, u lanqas ma kellu relazzjoni ta' xogħol mal-OIEA. It-tieni nett, ir-rikorrent isostni li l-allegata kwalità tiegħu bħala Viċi Kap tal-OIEA hija kontradetta minn stqarrija għall-istampa tal-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tar-Renju Unit, tat-23 ta' Ġunju 2019, li tgħid li l-Ministru responsabbli għal-Lvant Nofsani kien iltaqa', b'mod partikolari, mal-Viċi Kap tal-OIEA, A. Fit-tielet lok, fil-kuntest tar-replika, ir-rikorrent josserva li ebda rapport tal-AIEA ma jinkludi ismu. Issa, skont ir-rikorrent, id-diversi rapporti ta' din l-organizzazzjoni jsemmu regolarment l-ismijiet tar-rappreżentanti legali tal-OIEA, b'mod partikolari dak tal-President tagħha. Fl-aħħar nett, fir-raba' lok, ir-rikorrent josserva li sa mill-iffirmar tal-pjan ta' azzjoni globali komuni, il-programm nukleari Iranjan jinsab taħt sorveljanza stretta tal-AIEA u tal-Unjoni. Konsegwentement, skont ir-rikorrent, li kieku dan tal-aħħar kien għadu effettivament marbut mal-OIEA, il-Kunsill kien ikollu elementi sabiex jagħti prova ta' dan.

53 Minkejja l-kritika tal-Kunsill kontra d-dikjarazzjoni ffirmata mid-Direttur Ġenerali tal-OIEA tal-5 ta' Mejju 2019, prodotta mir-rikorrent, u minkejja l-kontestazzjoni ta' wħud mill-argumenti mqajma minn dan tal-aħħar, għandu jiġi osservat li, fil-kuntest ta' din il-proċedura, il-Kunsill ma jikkontestax, barra minn hekk, il-fatt li r-rikorrent waqaf jaħdem għall-OIEA f'Awwissu 2013.

54 Min-naħa l-oħra, il-Kunsill isostni li, fid-dawl ta' ċerti ċirkustanzi, ma kienx irraġonevoli għalih li, fid-data tal-adozzjoni tal-att ikkontestat, jaħseb li r-rikorrent kompla jkun Viċi Kap tal-OIEA. Dan kien jirriżulta, essenzjalment, l-ewwel nett, mill-fatt li r-rikorrent ma kienx ipproduċa elementi insostenn tal-allegazzjonijiet li jinsabu fl-ittra tiegħu tal-15 ta' April 2014, it-tieni, mill-kontenut ambigwu ta' din l-ittra li jissuġġerixxi li r-rikorrent kien kitibha bħala Viċi Kap tal-OIEA, it-tielet, mill-fatt li r-rikorrent ma kienx ikkomunika lill-Kunsill l-indirizz tiegħu jew dettalji differenti minn dawk tal-OIEA, ir-raba', mill-fatt li r-rikorrent ma kienx ikkuntattja lill-Kunsill sa minn din l-ittra u, il-ħames, mill-fatt li la s-sit internet tal-OIEA u lanqas sorsi pubbliċi oħra ma kienu jipprovdu informazzjoni li tippermetti li wieħed isir jaf min kien qiegħed jokkupa l-pożizzjonijiet ta' tmexxija fi ħdan l-OIEA, b'tali mod li l-unika informazzjoni li fuqha seta' jibbaża ruħu f'dan ir-rigward kienu provi bil-miktub li joriġinaw mingħand ir-rikorrent.

55 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-Kunsill ma jistax jakkuża lir-rikorrent, mingħajr ma jaqleb l-oneru tal-prova, li ma stabbilixxiex li huwa kien temm kull attività fi ħdan l-OIEA billi jeżiġi li dan jinformah b'tali ċirkustanza u, wisq inqas, li huwa jippreżenta provi lill-Kunsill (ara, f'dan

is-sens, is-sentenza tat-3 ta' Lulju 2014, Alchaar vs Il-Kunsill, T-203/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:602, punt 152 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għall-kuntrarju, huwa l-Kunsill, fil-kuntest tar-rieżami annwali tal-miżuri restrittivi previst fl-Artikolu 26(3) tad-Deċiżjoni 2010/413 u fl-Artikolu 46(7) tar-Regolament Nru 267/2012, li għandu jeżamina bir-reqqa l-elementi li jsostnu l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrenti fil-listi inkwistjoni. Dan ma jipprekludix lir-rikorrent milli jippreżenta, f'kull ħin, osservazzjonijiet jew provi ġodda, konformement mal-Artikolu 24(4) tad-Deċiżjoni 2010/413 u mal-Artikolu 46(5) tar-Regolament Nru 267/2012. Madankollu, din hija fakultà li għandu r-rikorrent li ma tistax teżenta lill-Kunsill mill-oneru tal-prova li jaqa' fuqu.

[*omissis*]

62 Min-naħa l-oħra, hemm lok li jiġi rrilevat li, fi kwalunkwe każ, l-estratt mhux kunfidenzjali tal-proposta ta' inklużjoni jinkludi biss paragrafu wieħed li t-test tiegħu jikkoinċidi ma' dak li jinsab fir-raġunijiet ta' inklużjoni fil-listi inkwistjoni. Issa, dan ma huwa akkumpanjat minn ebda element li jsostni r-raġuni li r-rikorrent huwa Viċi Kap tal-OIEA.

[*omissis*]

5. Fuq in-natura passata tal-attivitajiet tar-rikorrent li jinsabu fir-raġunijiet ta' inklużjoni

[*omissis*]

80 Billi jallega li ż-żamma tal-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni hija ġġustifikata mill-attivitajiet fil-passat ta' dan tal-aħħar, il-Kunsill wettaq sostituzzjoni tal-motivi li fuqhom huwa bbażat l-att ikkontestat li l-Qorti Ġenerali ma tistax taqbel magħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2012, Oil Turbo Compressor vs Il-Kunsill, T-63/12, EU:T:2012:579, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

81 Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, il-kriterju ta' inklużjoni fil-listi inkwistjoni relatat mal-provvista ta' appoġġ għall-attivitajiet nukleari Iranjani li joħolqu riskju ta' proliferazzjoni jimplika li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabta, diretta jew indiretta, bejn l-attivitajiet tal-persuna jew tal-entità kkonċernata u l-proliferazzjoni nukleari (sentenza tal-25 ta' Marzu 2015, Central Bank of Iran vs Il-Kunsill, T-563/12, EU:T:2015:187, punt 66).

82 Barra minn hekk, ġie deċiż li d-diversi dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2010/413 u tar-Regolament Nru 267/2012 li jipprevedu l-iffriżar ta' fondi huma redatti b'mod ġenerali ("jkunu impenjati fi, assoċjati direttament ma', jew jipprovdu appoġġ"), mingħajr riferiment għall-aġir li twettaq qabel deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi (sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 85).

83 Minbarra dan, għandu jitfakkar li l-miżuri restrittivi kontra l-Iran huma intiżi sabiex jimpedixxu l-iżvilupp tal-proliferazzjoni nukleari billi jagħmlu pressjoni fuq dan l-Istat sabiex itemm l-attivitajiet tiegħu li jippreżentaw riskju ta' proliferazzjoni nukleari. Kemm mill-istruttura kif ukoll mill-għan ġenerali tad-Deċiżjoni 2010/413, tar-Regolament Nru 961/2010 kif ukoll tar-Regolament Nru 267/2012 jirriżulta li l-għan tagħhom huwa li jimpedixxu "riskju ta' proliferazzjoni" nukleari f'dan l-Istat u li l-miżuri ta' ffriżar ta' fondi imposti abbażi ta' dawn it-testi għandhom għan preventiv (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2011, Afrasiabi *et*, C-72/11, EU:C:2011:874, punt 44).

84 Minn dan jirriżulta li l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi fir-rigward ta' persuna ma tippreżupponix li din kienet adottat fil-passat aġir oġġezzjonabbli effettiv, u r-riskju biss li din il-persuna tadotta aġir tali fil-futur jista' jkun suffiċjenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Novembru 2013, Il-Kunsill vs Manufacturing Support & Procurement Kala Naft, C-348/12 P, EU:C:2013:776, punt 84).

85 Għalhekk, għalkemm parteċipazzjoni effettiva fil-programm nukleari Iranjan, qabel l-adozzjoni tal-miżuri restrittivi, ma tistax tkun meħtieġa, l-eżistenza ta' rabta, diretta jew indiretta, bejn l-attivitajiet ta' persuna u l-proliferazzjoni nukleari hija kundizzjoni għall-inklużjoni ta' isem din il-persuna fil-listi inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, Neka Novin vs Il-Kunsill, T-436/14, mhux ippubblikata, EU:T:2017:142, punt 30).

86 F'dan il-każ, meħudin b'mod iżolat, il-funzjonijiet li r-rikorrent qeda fil-passat fi ħdan l-OIEA u, jekk jiġi preżunt li dan seħħ, il-parteċipazzjoni passata tiegħu fil-programm nukleari Iranjan, ma jistgħux jiġġustifikaw l-inklużjoni ta' isem dan tal-aħħar fil-listi inkwistjoni. Fil-fatt, li kieku l-Kunsill kellu l-intenzjoni li jibbaża ruħu fuq il-funzjonijiet passati tar-rikorrent u fuq il-parteċipazzjoni fil-passat tiegħu fil-programm nukleari Iranjan, kif ukoll fuq ir-riskju li, permezz tal-konoxxenzi u tal-kompetenzi tiegħu, ir-rikorrent jipprovdi appoġġ għall-attivitajiet nukleari Iranjani li jippreżentaw riskju ta' proliferazzjoni nukleari, il-Kunsill kien ikollu l-obbligu li jipproduċi indizji serji u konkordanti li jippermettu raġonevolment li jitqies li r-rikorrent kellu rabtiet mal-OIEA u mal-programm nukleari Iranjan, jew, b'mod iktar ġenerali, ma' attivitajiet li jippreżentaw riskju ta' proliferazzjoni nukleari, fid-data tal-adozzjoni tal-att ikkontestat, li jiġġustifikaw l-inklużjoni ta' ismu fil-listi inkwistjoni, wara t-tmiem tal-attivitajiet tiegħu fi ħdan din l-organizzazzjoni u wara tmiem il-parteċipazzjoni tiegħu fil-programm nukleari Iranjan (sentenza tat-18 ta' Frar 2016, Jannatian vs Il-Kunsill, T-328/14, mhux ippubblikata, EU:T:2016:86, punt 40).

[*omissis*]

D. Konsegwenzi ta' din is-sentenza fuq id-Deċiżjoni 2019/870

91 Bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali, ir-rikorrent isostni, essenzjalment, li fil-każ li l-Qorti Ġenerali tannulla l-att ikkontestat, il-Kunsill ikollu jirtira d-Deċiżjoni 2019/870.

92 Bi tweġiba għal din l-istess mistoqsija, il-Kunsill josserva li r-rikorrent talab l-annullament tal-att ikkontestat biss sa fejn jikkonċernah. Barra minn hekk, huwa indika li, fil-każ li l-Qorti Ġenerali tannulla dan l-att, l-annullament ikun japplika biss għal dan tal-aħħar. Huwa sostna wkoll li l-Qorti Ġenerali hija marbuta bit-talbiet ifformulati mir-rikorrent u li ma tistax tiddeċiedi lil hinn minnhom. Fl-aħħar nett, il-Kunsill enfasizza li d-Deċiżjoni 2019/870 ġiet issostitwita mid-Deċiżjoni (PESK) 2020/849 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2020, L 196, p. 8).

93 Għandu jiġi rrilevat li din is-sentenza twassal biss għall-annullament tal-att ikkontestat, jiġifieri r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2019/855. Għaldaqstant, din ma tistax twassal għall-annullament awtomatiku tad-Deċiżjoni 2019/870.

94 Issa, il-fatt li d-Deċiżjoni 2019/870 tibqa' applikabbli minkejja li l-att ikkontestat ikun ġie annullat jista' jwassal għal preġudizzju serju għaċ-ċertezza legali, peress li dawn iż-żewġ atti jimponu fuq ir-rikorrent miżuri identiċi (sentenza tas-17 ta' April 2013, TCMFG vs Il-Kunsill, T-404/11, mhux ippubblikata, EU:T:2013:194, punt 43).

95 Barra minn hekk, sabiex jikkonforma ma' din is-sentenza u jeżegwixxiha b'mod sħiħ, il-Kunsill huwa obbligat josserva mhux biss id-dispożittiv ta' din is-sentenza, iżda wkoll ir-raġunijiet li jikkostitwixxu l-bażi meħtieġa għalih, fis-sens li huma indispensabbli sabiex jiġi ddeterminat is-sens eżatt ta' dak li ġie deċiż fid-dispożittiv. Fil-fatt, huma dawn il-kunsiderazzjonijiet li, minn naħa, jidentifikaw ir-raġunijiet għall-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fil-listi inkwistjoni meqjusa illegali sa fejn huma vvizzjati bi żbalji ta' evalwazzjoni u, min-naħa l-oħra, juru r-raġunijiet eżatti tal-illegalità kkonstatata fid-dispożittiv, u li l-Kunsill għandu jieħu inkunsiderazzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill, T-256/07, EU:T:2008:461, punt 60 u l-ġurisprudenza ċċitata).

96 Madankollu, filwaqt li l-konstatazzjoni tal-illegalità li tirriżulta mill-kunsiderazzjonijiet tas-sentenza ta' annullament teżiġi, fl-ewwel lok, li l-istituzzjoni li tkun l-awtur tal-att annullat tneħħi din l-illegalità fl-att intiż sabiex jieħu post l-att annullat, hija tista' wkoll, inkwantu tikkonċerna dispożizzjoni b'kontenut iddeterminat f'qasam partikolari, tinvolvi konsegwenzi oħra għal din l-istituzzjoni (ara s-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill, T-256/07, EU:T:2008:461, punt 61 u l-ġurisprudenza ċċitata).

97 Fir-rigward, bħal fil-kawża ineżami, tal-annullament ta' regolament ta' implimentazzjoni li jemenda l-lista li tinsab fl-Anness IX tar-Regolament Nru 267/2012, li hija lista li tkun suġġetta għal rieżami f'intervalli regolari skont l-Artikolu 46(7) tar-Regolament Nru 267/2012, l-istituzzjoni li tkun l-awtur tiegħu għandha, qabel kollox, l-obbligu li tiżgura li l-eventwali deċiżjonijiet sussegwenti ta' ffriżar ta' fondi li jkollhom jiġu adottati wara s-sentenza ta' annullament, sabiex jiġu rregolati l-perijodi wara din is-sentenza, ma jkunux affettwati mill-istess illegalitajiet (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill, T-256/07, EU:T:2008:461, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

98 Għandu jiġi ammess ukoll li, minħabba l-effett retroattiv marbut mas-sentenzi ta' annullament, il-konstatazzjoni ta' illegalità jkollha effett mid-data ta' meta l-att annullat ikun daħal fis-seħħ (ara s-sentenza tat-23 ta' Ottubru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill, T-256/07, EU:T:2008:461, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata). Għaldaqstant, minn dan għandu jiġi dedott li, f'dan il-każ, il-Kunsill jista' wkoll ikollu l-obbligu, skont l-Artikolu 266 TFUE, li jelimina mit-testi li diġà jkunu daħlu fis-seħħ fil-mument tal-għoti tas-sentenza ta' annullament ir-raġunijiet ta' inklużjoni ta' isem ir-rikorrent li jkollhom l-istess kontenut bħal dawk meqjusa illegali, jekk dawn ir-raġunijiet ikunu sostnuti mill-istess provi bħal dawk eżaminati mill-Qorti Ġenerali f'din is-sentenza (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' April 1988, Asteris *et* vs Il-Kummissjoni, 97/86, 99/86, 193/86 u 215/86, EU:C:1988:199, punt 30). Għaldaqstant dan jgħodd għat-testi li jidħlu fis-seħħ wara l-adozzjoni tal-att ikkontestat li jkun fihom raġunijiet għal inklużjoni identiċi għal dawk meqjusa illegali f'din is-sentenza ta' annullament u li jkunu bbażati fuq l-istess provi (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' April 1988, Asteris *et* vs Il-Kummissjoni, 97/86, 99/86, 193/86 u 215/86, EU:C:1988:199, punt 31), bħal fil-każ tad-Deċiżjoni 2019/870 li d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha hija l-istess bħal dik tal-att ikkontestat, sakemm hija tinkludi raġunijiet identiċi għal dawk meqjusa illegali f'din is-sentenza ta' annullament u hija bbażata fuq l-istess provi.

[*omissis*]

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Ir-Raba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (UE) 2019/855 tas-27 ta' Mejju 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran huwa annullat sa fejn jikkonċerna lil Sayed Shamsuddin Borborudi.**

2) **Il-Kunsill huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

Gervasoni Madise Martín y Pérez de Nanclares

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Ġunju 2021.

Firem